MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 54**

**L-Erbgħa, 26ta' April 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 26 ta' April 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathon Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 54.1 Talba

54.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 54.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 54.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 53

54.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 53 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

## 54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

54.4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-kuntratt mar-Reġjun għall-għoti ta' tlett *bicycles*.

54.4.2 Is-Sindku nforma lill-membri li attenda għal-laqgħa tar-Reġjun li nżammet nhar l-14 ta' April 2023.

54.4.3 Saret il-ħarġa soċjo kulturali f'Malta li għalija attendew 21 persuna. Żorna r-Redentur, l-open day li nżammet fil-Palazz tal-President, l-Fiera tal-Frawli kif ukoll l-Pama fil-Mosta.

54.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-Surveyor Andrew Mizzi lesta d-dokumenti li kien mitlub mill-Perita Ivana Farruġia pero l-Perita qeda titlob li jittieħdu ritratti tal-istatwi mill-faċċata kif ukoll mill-qrib. Għalhekk l-Kunsill se jkun qed jieħu ħsieb li jipprovdi s-servizz ta' high up sabiex il-Perita tkun tista tieħu r-ritratti mill-angolu meħtieġ, liema data hija maħsuba li tkun it-3ta' Mejju 2023.

54.4.5 Is-Sindku nforma lill-membri li s-sejħa għall-offerti għall-akkwist tal-fanali għall-fuq iz-zuntier tal-knisja ġiet ippubblikata nhar it-Tlieta, 18ta' April 2023 u tagħlaq il-Ħamis, 11 ta' Mejju 2023.

54.4.6 Is-Sindku ressaq talba għal sinjali sofor fil-kantunieri tat-tarf tat-Triq ta' Mulejja minħabba li meta jkun hemm il-karozzi pparkjati jkun diffiċli ħafna biex wieħed jikser għal ġot-triq. Kien hemm qbil dwar dan u se ssir it-talba lil Transport Malta.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

54.4.7 Il-Viċi Sindku rrimarkat li ż-żebgħa tat-toroq speċjalment dik ta' Triq il-Għajn ma għada tidher xejn. Is-Sindku nfurmha li l-Kunsill ilu żmien jitlob lill-Ministeru sabiex iż-żebgħa tat-toroq isir. Il-Kunsillier Horace Micallef semma li se jieħu ħsieb jinforma lill-ħaddiema tal-Ministeru biex jiġu għaż-żebgħa mill-Kunsill ħalli tinzebaħ kemm jista jkun kmieni filgħodu. Is-Sindku żid jgħid li jekk hemm bżonn il-kunsill iħallas għall-uffiċċjali sabiex tingħalaq it-triq għal ftit. Il-Kunsill se jkun qed jieħu ħsieb jixtri ż-żebgħa.

54.4.8 Is-Sindku semma li nnota li tħawlu ħafna siġar zgħar fil-Wied, l-parti fil-konfini tal-Fontana. Hija xi ħaġa sabieħa pero l-Kunsill ma kienx infurmat b'dan.

54.4.9 Is-Sindku nforma lill-membri li se jsiru l-binding tal-Minuti għas-snin mit-2008 sa 2013. Wara nkomplu bil-binding għas-snin 2013-2016.

## 54.5 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2022*

54.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-*Audited Financial Statements 2022* li ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 54.6 Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2023

54.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ukoll r-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena, Jannar sa Marzu 2023. Dan ir-rapport ġie unanimament approvat u iffirmat.

## 54.7 Inawgurazzjoni tal-Van komunitarja tal-Kunsill

54.7.1 Is-Sindku semma li l-istickers tal-Van huma lesti u għalhekk għandna nibgħatu l-konferma għad-data tal-inawgurazzjoni li hija s-26ta' Mejju 2023 hekk kif ġiet pproponuta mil-Onorevoli Segretarju Parlamentari, S-Sinjura Alison Ċivelli Zerafa. Il-Viċi Sindku, s-Sinjura Camilleri pproponiet li nistiednu wkoll lis-Shadow Minister is-Sur Darren Carabott. Kien hemm qbil dwar dan u għalhekk se tkun qed tintbgħat il-konferma tad-data għall-inawgurazzjoni lis-Segretarjat kif ukoll stedina lis-Shadow Minister.

## 54.8 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv u Nominazzjoni għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

54.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra tar-riżenja li fl- April 2023, hija kitbet lid-Direttur Ġenerali u lis-Sindku fejn fiha kienet qed tagħti n-notice tagħha mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Hi nfurmat lill-membri li ġiet ingaġġata fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Qala. Hi rringrazzjat lill-Kunsill għall-fiduċja tiegħu lejha matul it-terminu tagħha. Għalhekk il-Kunsill huwa mitlub illi jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv ħalli l-kunsill jkun jista jibqa jopera. Is-Sindku nnomina lis-Sinjura Josianne Cassar għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarja Eżekuttiv qrat l-ittra li rċeviet mid-Direttur Ġenerali li fija nfurmana li l-kunsill jrid jinnomina lil uffiċċjal li jrid jkun ġej minn kunsill ieħor. Għalkemm is-Sinjura Cassar ma hix preżentament taħdem f'kunsill lokali, is-Sindku qal li għandna

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

nipproponuwha xorta. Is-Sindku żied jgħid li fil-kunsill tal-Qala tħalla uffiċċjal għal tlett snin li ma kienx ġej minn ġo kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għalhekk il-kunsill se jressaq ir-rakkamandazzjoni tas-Sinjura Cassar lid-Direttur Ġenerali.

**54.9 Ħruġ u Għoti ta' Offerti**

54.9.1 Bħal ma semma s-Sindku f'punt numru 54.4.5, huwa nforma lill-membri dwar il-ħruġ tal-offerta għal żewġ fanali fuq iz-zuntier li ħarġet fit-18ta' April 2023.

54.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li l-Ġimgħa, 28ta' April se tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' tisbiħ bil-porfido fi triq il-Għajn taħt ir-railing.

54.9.3 Il-Bord tal-evalwazzjoni għall-offerti mitfugħa għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku ltaqa darbtejn u qed jiġi hawn ippreżentat r-rapport tal-evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarja spjegat ir-rapport fejn l-irħas offerta naqas li jipprovdi d-dokumenti kollha meħtieġa relatati mal-*Literature (GPP Criteria)* u għalhekk il-bord qed jirrakomonda li l-offerta tingħata lit-tieni offerta li hija dik ta' *Little Rock Quarry* għas-somma ta' €80,814.73. Is-Sindku semma li fil-laqgħa preċedenti kien maqbul li bħala evalwatur minflok il-Kunsillier Jonathon Cefai għandu jinħatar l-Inġinier Simon Mizzi jew fin-nuqqas li ma jkunx jista jinħatar l-iskrivan Joseph Bajada. L-Inġinier Mizzi ma setax u għalhekk inħatar s-Sur Joseph Bajada bħala evalwatur ta' din l-offerta.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-evalwazzjoni u għalhekk dan ġie approvat.

**54.10 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

54.10.1 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar invit għat-tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali li ser tinżamm fit-8 ta' Mejju 2023, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta. Il-konferenza ser tinżamm bejn l-10:00 u l-11:30 ta' filgħodu. Il-Kunsill ħa nota ta dan.

54.10.2 Ċirkulari numru AKL 2023/030 mingħand is-Sinjura Roberta Carabott fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward binjiet mixgħula bl-aħmar fil-Jum Dinju tad-Donaturi tad-Demm 2023 li se tinżamm fl-14ta' Ġunju 2023. Il-Kunsill qabel sabiex nixgħelu d-dwal tal-uffiċċju bl-aħmar.

54.10.3 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Jessica Meli, Co-Ordinating Officer fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-inawgurazzjoni tal-vann tal-komunita' fil-preżenza tal-Hon. Alison Zerafa Civelli, MP fejn il-Kunsill ingħata d-data tas-26ta' Mejju 2023 fil-11.30a.m. Il-Kunsill qabel sabiex naċċettaw din id-data għall-inawgurazzjoni. Il-Viċi Sindku rrimarkat li

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

għandna nistiednu wkoll lil Hon. Darren Carabott, Shadow Minister tal-Ministeru tal-Kultura, Arti u Gvern Lokali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

54.10.4 Imejl mingħand is-Sur Matthew Vella, Permanent Secretary fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, dwar *Students' Summer Work Opportunities Scheme 2023* fejn il-Kunsilli qed jiġu nfurmati li jistgħu japplikaw għal studenti sabiex jaħdmu mal-kunsill bejn l-10ta' Lulju u s-16 ta' Awwissu 2023. Dawk il-Kunsilli li jixtiequ japplikaw jistgħu jagħmlu dan sal-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2023. Il-Kunsill qabel sabiex napplikaw biex ningħataw student.

54.10.5 Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett *Building Europe with Local Council sessions for all Local Councillors.* Din l-imejl ġiet mibgħuta lill-kunsilliera biex dawk interessati jirreġistraw. Din il-laqgħa ser tinżamm nhar it-Tnejn 24 ta' April, 2023 fl-10.00am.

54.10.6 Ġiet ippreżentata kopja tal-ittra tar-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv Ms. Heidi Grech indirizzata lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard li fiha qedha tagħti *n-notice* tar-riżenja tagħħha mill-uffiċċju ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali il-Fontana. Mehmuż ma' din il-kopja hemm ukoll kopja oħra ta' ittra tal-istess Direttur, Ref: *DLG 78/2022* li fiha jikkonferma li Ms. Heidi Grech ġiet ingaġġata bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala.

54.10.7 Stedina minn Radju Malta 1 sabiex aktar sindki jew meta mhux possibli rappreżentanti tal-lokalijiet rispettivi jieħdu sehem fil-programm 'Hekk Naħsibha Jien' li jiddiskuti suġġetti leġġeri lil hinn mill-politika. Din l-imejl ġiet mibgħuta lill-membri kollha.

54.10.8 Korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-Kommunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-MPWP bis-suġġett Obbligu ta' liċenzjar tal-kuntratturi – Konsultazzjoni Pubblika maħruġa mill-Ministru għax-Xogħilijet Pubbliċi u l-Ippjanar. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.9 Stedina għall-quddiesa għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm mis-Sinjuar Doreen Camilleri, fi ħdan il-Ministru għal Għawdex. Din il-quddiesa ser issir nhar il-Ħadd, 14 ta' Mejju fl-10:00am, fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut sabiex il'quddiem itella avviż fuq l-istess paġna tiegħu tal-*facebook.*

54.10.10 Ċirkulari numru *SPI/SCI/02/2023* – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitijiet madwar

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Malta u Għawdex. L-applikazzjonijiet jiġu milqugħa sal-Ġimgħa, 28ta' April 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.11 Ċirkulari numru *SPI/SCI/01/2023* – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. L-applikazzjonijiet jiġu milqugħa sa l-Erbgħa, 26ta' April 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.12 Korrispondenza u agenda mill-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar diskussjoni li ser tinżamm fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għal Malta u t-triq 'il quddiem li ser tinżamm fil-21ta' April 2023. Il-kunsill ħa nota ta' dan il-kontenut.

54.10.13 Imejl mingħand il-Kappillan Kan. Simon Mario Cachia dwar il-Festa Titulari 2023 u n-*no objection* biex isiru l-attivitajiet pjanati tal-festa. F'din l-istess imejl, il-Kappillan qed jitlob ukoll l-għajnuna tal-kunsill biex bħas-snin ta' qabel isir it-tindif taz-zuntier tal-knisja wara kull marċ speċjalment tal-Ħadd filgħodu. Din it-talba intlaqat unanimament.

54.10.14 Imejl mingħand il-Kappillan Kan. Simon Mario Cachia dwar Festa Tfal 2023 fejn nfurmana li qed jaqbel mal-proposta tal-kunsill li l-istess festa tinżamm nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2023 – btala nazzjonali u li anke jsir it-tberik tal-istatwa l-ġdid li ser tiżanżan għal din il-festa. Is-Sindku ppropona li billi din is-sena taħbat ukoll iċ-ċentinarja tal-mitt sena tal-istatwa, s-Sindku ppropona li l-Kunsill jkopri l-ispejjeż tas-servizz tal-banda mill-knisja ta' San Ġorġ sal-Fontana.

54.10.15 Ċirkulari numru SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Librerija Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.16 Imejl minn Althea Galea bit-titolu *Animal Related Initiatives in Councils* fejn qed titlob li tiltaqa' mal-kunsillier/a assenjata dan l-irwol tal-*animal welfare* fil-lokalita'. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.17 Ċirkulari numru 9/2023 – Każijiet tal-Ombudsman u ħatra' *Focal Persons* li tinkludi emendi tal-Att XVII tal-2010.

54.10.18 Ċirkulari numru AKL 2023/027 mingħand is-Sinjura Roberta Carabott fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward *European Bench for Local Councils* li huwa proġett għall-kunsill sabiex ikollhom bank ġo post pubbliku li jiġi impinġi b'tama u b'kuluri tal-bandiera Ewropea. Il-Kunsill ħa nota ta dan.

54.10.19 Korrispondenza minn Dr. D. Camilleri rigward it-talba għal parkeġġ riservat sabiex l-istess parkeġġ jitmexxa ftit l-isfel. Dr. D. Camilleri

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

infurmat lill-kunsill li l-permess qed jinħareġ u mal-istess imejl hemm mehmuż ukoll it-tabella li turi l-ħinijiet tal-uffiċċju meta tali parkeġġ jkun riservat li għandha tiġi mplimentata. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ntalbet stima sabiex issir din it-tabella. Il-kunsill qabel li din it-tabella għandha tiġi ordnata.

54.10.20 Invit min *Gozo Cultural Event* fi ħdan il-Ministru għal Għawdex dwar it-tħejjija ta' publikazzjoni li tinkludi l-attivitajiet li ser isiru fis-Sajf 2023, sabiex jintbagħtu d-dettalji tal-attivitajiet li ser ikun qed jorganizza l-kunsill f'dan il-perjodu. Din l-informazzjoni għandha tintbgħat sal-14ta' Mejju 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.21 Ċirkulari numru 8/2023 – Ristrutturar u re-branding tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li tispjega l-proċess ta' ristrutturar li qed iseħħ attwalment f'dawn id-diviżjonijiet.

54.10.22 Ċirkulari numru 7/2023 – Fondi Ewropej: Linji gwida lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali dwar talbiet għal assistenza li jikkonċernaw proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja u fondi Internazzjonali oħra.

54.10.23 Korrispondenza mill-President tal-AKL is-Sur Mario Fava li tinkludi stedina għall-konferenza *European Cities Against Drugs – Mayors' Conference.* Il-konferenza ser issir nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju, fil-lukanda Dolmen. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.

54.10.24 Imejl mill-Għaqda Armar Fontana li fiha qed issir talba sabiex il-Kunsill jgħin fl-armar tal-pavajlun ta' dawl li kien jintrama fil-parti fejn qed isir ix-xogħol marbut mat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku. L-għaqda qed titlob jekk il-kunsill jistax joffri blokok tal-konkrit u arblu tal-ħadid għal din is-sena. Il-Kunsill laqa din it-talba u se jkun qed jiċċekkja dwar l-akkwist ta' dawn il-blokok.

54.10.25 Korripondenza mis-Sur Karl Vella, Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun Għawdex fejn informa li se jsir *Stakeholders Briefing Gozo* mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali mall-Kunsilli Lokali Għawdxin. Kull min hu interessat jrid jikkonferma l-attendenza tiegħu għal-laqgħa li se ssir l-Erbgħa, 26ta' April 2023.

54.10.26 Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Sannat għal Jum Sannat li fiha jingħata ukoll Ġieħ Sannat u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena.

54.10.27 Ċirkulari numru 10/2023 – Inizzjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ sabiex tipi protetta l-bijodiversita' ta' pajjiżna. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

54.10.28 Ċirkulari numru AKL 2023/026 mingħand is-Sinjura Justine Decelis Roberta Carabott fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward konferenza dwar *European Cities Against Drugs* li qed tiġi organizzata mill-Assoċċjazzjoni. Il-Kunsill ħa nota ta dan.

54.10.29 Korrispondenza mill-Wasteserv dwar il-pagament li jammonta għal €3,291.47 bħala rimbors tal-ġbir tal-iskart organiku minn Settembru sa Diċembru 2022.

54.10.30 Imejl mingħand il-Kappillan Kan. Simon Mario Cachia dwar Festa Tfal 2023 sabiex jiġi finalizzat il-programm tal-istess festa. Il-Kunsill qabel mal-kontenut.

54.10.31 Imejl mingħand Andrea Debrincat, Project Administrator fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali dwar l-opportunita' ta kors akkademiku f'livell ta' Baċċellerat fil-Politika u Governanza offrut mill-Universita' ta Malta, li jista' jkun utli għal dawk involuti fil-qasam tal-Gvern Lokali f'pajjiżna. Din l-imejl ġiet ċirkulata mal-membri kollha.

54.10.32 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-talba li l-Kunsill irċieva sabiex isiru double yellow lines quddiem propjetà li tinsab fi Triq il-Għajn. Is-Sid qed jitlob li dawn isiru sabiex jitħalla l-ispażju vojt quddiem il-propjeta tiegħu minħabba li se jkun qed jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li f'każ bħal dan is-sid jista japplika u jħallas għal permess fil-kunsill bħal ma jsir dejjem sabiex jingħata in-*no parking Signs* temporanjament, skont il-ġranet li jkun applika għalihom.

**54.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

54.11.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**54.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 42/2023 għal perjodu ta' bejn l-5 ta' April 2023 u s-26 ta' April 2023 li tammonta għal €10,202.86 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' April.

**54.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-19.00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Konfermati, llum l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Saviour Borg | Heidi Grech |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA